



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.12.2018
COM(2018) 852 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 li jistabbilixxi reġim
Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-
tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju

1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 23(3) tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 (“ir-Regolament”) jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar l-attivitajiet, l-eżamijiet u l-konsultazzjonijiet tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar Oġġetti b'Użu Doppju (Dual-Use Coordination Group, DUCG). Barra minn dan, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM(2014) 244) tagħraf li l-pubblikazzjoni ta' rapporti u informazzjoni ta' kontroll mhux sensittiva jistgħu jkunu passi kritiċi biex itejbu t-trasparenza u l-konformità tal-operaturi u l-kapaċità tagħhom li jimplimentaw il-kontrolli. Dan ir-rapport, imħejji mill-Kummissjoni bil-kontribut ta' Stati Membri fid-DUCG¹, jipprovdi tagħrif dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament fl-2017, u jinkludi *data* aggregata dwar il-kontroll tal-esportazzjonighall-2015.

2. EVOLUZZJONI TAL-QAFAS POLITIKU U REGULATORJU

2.1. Analiżi tal-politika tal-kontroll tal-esportazzjoni

Wara l-adozzjoni fit-28 ta' Settembru 2016 ta' proposta tal-Kummissjoni għal modernizzazzjoni tal-kontrolli tal-esportazzjoni tal-UE², il-proċess leġiżlattiv beda fl-2017, meta l-Parlament Ewropew u l-Kunsill eżaminaw il-proposta. B'mod partikolari, il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Kummerċ Internazzjonali (INTA) kellu l-ewwel skambju ta' fehmiet dwar is-suġġett fit-28 ta' Frar 2017, segwit minn smiġh pubbliku fil-21 ta' Marzu 2017 u laqgħa ta' informazzjoni teknika fl-4 ta' Mejju 2017. Il-Kumitat INTA adotta r-rapport dwar il-proposta leġiżlattiva fil-21 ta' Novembru 2017, inklużi l-101 emenda li juru l-appoġġ wiesa' tal-Parlament għal kontrolli aktar armonizzati u effettivi, li jadattaw is-sistema tal-UE ta' kontroll tal-esportazzjoni għal theddid ġdid assoċjat ma' oġġetti ta' sorveljanza ċibernetika u b'kunsiderazzjoni għad-drittijiet tal-bniedem bħala parti minn spinta ġenerali għal kummerċ aktar responsabbli bbażat fuq il-valuri u “Ewropa li ttiproteġi”.

Min-naħa tagħha, matul l-2017 il-Kummissjoni wettqet għadd ta' konsultazzjonijiet immirati u sensibilizzazzjoni ma' partijiet ikkonċernati ewlenin tal-industrija u tas-soċjetà ċivili. B'mod partikolari, fit-19 ta' Diċembru 2017 ġie organizzat Forum ta' Kontroll tal-

¹ Xi awtoritajiet kompetenti mill-Istati Membri jirrappurtaw ukoll pubblikament dwar il-kummerċ ta' oġġetti b'użu doppju.

² COM(2016) 616. Il-proposta għal regolament tinsab fuq <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52016PC0616>

Esportazzjoni b'mod konġunt mal-Presidenza Estonjana tal-Kunsill tal-UE, biex jiġu skambjati fehmiet mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija u tas-soċjetà civili³.

2.2. Emendi għar-Regolament (KE) Nru 428/2009

Ir-Regolament ġie emendat darba matul il-perjodu ta' rapportar. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/2268⁴ tas-26 ta' Settembru 2017 aġġorna l-Lista ta' Kontroll tal-UE fl-Anness I tar-Regolament, u inkorpora modifiki miftiehma fir-reġimi multilaterali għall-kontroll tal-esportazzjonijiet fl-2016.

Il-lista ta' kontroll tal-UE tal-2017 b'hekk tinkorpora madwar 170 emenda, li ħafna minnhom jirriżultaw mill-Ftehim ta' Wassenaar (Wassenaar Arrangement, WA) u s-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (Missile Technology Control Regime, MTCR). L-emendi WA jikkonċernaw, b'mod partikolari, ir-ristrutturar sinifikanti tal-Kategorija 5, Parti 2 "Sigurtà tal-informazzjoni" f'lista aktar pożittiva ta' punti strateġikament importanti fl-entrata 5A002.a., u emenda fil-kontroll tat-teknoloġija għal-lasers. It-tibdiliet MTCR jikkonċernaw b'mod partikolari l-emendi għal kontrolli fuq "Ċeramika ta' Temperatura Għolja Ħafna" u magni tat-tornitura bi fluss, l-introduzzjoni ta' kontrolli ġodda fuq sistemi tar-rokits bi propellant f'forma ta' ġell u tankijiet ta' propellant f'forma ta' ġell, kif ukoll faċilitajiet ta' ttestjar ajrutermodinamiku. Tibdiliet oħra jikkonċernaw pereż. l-introduzzjoni ta' żewġ (2) sottokontrolli għal torċijiet tal-plażma u kanuni tal-elettroni, u t-tneħħija ta' kontroll fuq il-virus tad-deni dengue. Ġiet ippubblikata "Nota Komprensiva tal-Bidla" bħala gwida li ttipprovdi ħarsa ġenerali tal-bidliet tekniċi kollha li saru fil-Lista ta' Kontroll tal-UE tal-Użu Doppju tal-2017⁵. L-Annessi II u IV tar-Regolament ġew ukoll aġġornati f'konformità mal-emendi tal-Anness I. Il-Lista ta' Kontroll tal-UE kkonsolidata u aġġornata saret applikabbli fis-16 ta' Diċembru 2017, u b'hekk tippermetti lill-UE taderixxi mal-impenji internazzjonali tagħha fir-rigward tal-kontrolli tal-esportazzjoni u tgħin lill-esportaturi tal-UE fejn il-parametri ta' kontroll ġew illaxkati.

2.3. Miżuri nazzjonali għall-implimentazzjoni

Ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha, iżda, jipprevedi li l-Istati Membri jieħdu ċerti miżuri fl-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi, u li l-informazzjoni dwar dawn il-miżuri jenħtieġ li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Minħabba li fl-2017 ma ġiet introdotta l-ebda miżura ġdida mill-Istati Membri, in-Nota ta' Informazzjoni tal-20 ta' Awwissu 2016⁶ baqgħet valida fl-2017, li tagħti stampa ġenerali tal-miżuri meħuda minn Stati Membri inkluż, fost l-oħrajn, l-estensjoni tal-kontrolli tas-senserija u t-tranżitu, l-estensjoni tal-kontrolli għal oġġetti mhux elenkati għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika u kunsiderazzjoni għad-drittijiet tal-bniedem, l-introduzzjoni ta' awtorizzazzjonijiet tal-esportazzjoni ġenerali nazzjonali, l-applikazzjoni ta' kontrolli ta' trasferiment intra-UE għal oġġetti mhux elenkati, kif ukoll tagħrif relatat mal-awtoritajiet kompetenti.

³ Ir-rapport tal-Forum jinsab hawnhekk:

http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2017/december/tradoc_156503.pdf

⁴ ĠU L 334, 15.12.2017.

⁵ In-Nota Sommarja tinsab fuq: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2017/october/tradoc_156133.pdf.

⁶ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* C 304, 20.8.2016, p. 3.

3. ATTIVITAJIET TAL-GRUPP TA' KOORDINAZZJONI DWAR OĠĠETTI B'UŻU DOPPJU

L-Artikolu 23 tar-Regolament jistabbilixxi l-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar Oġġetti b'Użu Doppju (DUCG) li jlaqqa' flimkien esperti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri sabiex jeżaminaw kwalunkwe kwistjoni rigward l-applikazzjoni ta' kontrolli tal-esportazzjoni bil-għan li jtejbu fil-prattika l-konsistenza u l-effettività tagħhom madwar l-UE. Id-DUCG iltaqa' sitt (6) darbiet matul il-perjodu ta' rapportar, u b'hekk ipprova forum għall-konsultazzjonijiet dwar għadd ta' kwistjonijiet topiċi rigward l-implimentazzjoni tar-Regolament.

3.1. Konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' implimentazzjoni - skambju ġenerali tal-informazzjoni.

Id-DUCG wettaq *skambji ġenerali tal-informazzjoni b'appoġġ għall-modernizzazzjoni tal-kontrolli tal-esportazzjoni tal-UE*, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' kontrolli onnikomprensivi u l-kontrolli tat-tranżitu, kif ukoll dwar il-validità tal-liċenzji. Barra minn hekk, id-DUCG appoġġa l-organizzazzjoni ta' "Żjara bejn il-Pari/Irtir ta' Kontroll tal-Esportazzjoni" f'Malta bejn il-11 u t-12 ta' Mejju 2017 biex jiġu skambjati l-fehmiet b'mod informali fil-livell tekniku u kunċettwali dwar kwistjonijiet ewlenin marbutin mal-modernizzazzjoni ta' kontrolli tal-esportazzjoni tal-UE.


Id-DUCG wettaq ukoll *skambju ġenerali regolari tal-informazzjoni rigward l-implimentazzjoni tal-miżuri nazzjonali*; fin-nuqqas ta' miżuri nazzjonali ġodda fl-2017, id-DUCG ma hejjiex Nota ta' Informazzjoni għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali.

Id-DUCG analizza l-metodoloġija u l-approċċ għall-iskambju ta' *data*, u wettaq *eżerċizzju ta' ġbir tad-data ta' liċenzjar* abbażi tad-data tal-2016 sabiex itejjeb l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u jżid it-trasparenza pubblika fir-rigward tal-kontrolli ta' esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju tal-UE (fit-tħejjija għar-rapport annwali ta' kontroll tal-esportazzjoni, intużat id-data aggregata tal-UE tal-2016).

Id-DUCG ssorvelja l-attività tal-"Grupp ta' esperti dwar it-teknoloġija tas-sorveljanza" ("Surveillance technology expert group, STEG"). L-iSTEG organizza żewġ laqgħat fl-2017 u mmonitorja l-iżviluppi rilevanti tal-politika u t-teknoloġija, eżamina x-xejriet ta' liċenzjar u ċaħdiet, u pprova għarfien espert b'appoġġ għall-proċess leġiżlattiv għall-modernizzazzjoni tal-kontrolli tal-esportazzjoni tal-UE u fir-rigward ta' diskussjonijiet tekniċi fir-reġim multilaterali għall-kontroll tal-esportazzjonijiet ta' Wassenaar. B'kunsiderazzjoni għad-dibattitu rigward il-kontroll tal-oġġetti ta' sorveljanza ċibernetika, id-DUCG wettaq *skambju ta' informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' kontrolli fuq oġġetti ta' sorveljanza ċibernetika* fl-2016. Id-data turi għadd li qed jikber iżda limitat ta' liċenzji (139 liċenzja fl-2016). Fl-istess perjodu, inħarġu 17-il ċaħda għal oġġetti ta' sorveljanza ċibernetika⁷.

⁷ Fl-2016 inħarġu 13-il ċaħda għal tagħmir ta' interċettazzjoni jew imblukkar ta' telekomunikazzjoni mobbli, 1 għas-software tad-dekordjar għall-komunikazzjoni mobbli, 2 għal sistemi ta' sorveljanza tal-komunikazzjoni tan-netwerk tal-Protokoll tal-Internet (Internet Protocol, IP) u 1 għal software ta' intrużjoni.

Liċenzji individwali għal oġġetti ta' sorveljanza ċibernetika (numru) (2014–2016)



Id-DUCG ġie infurmat dwar l-azzjonijiet tal-UE biex jiġu appoġġati l-SMEs, ir-raggruppamenti u r-reġjuni fl-iżvilupp ta' proġetti b'użu doppju (pereż. il-programm COSME).

3.2. Skambju tekniku ta' informazzjoni — kwistjonijiet ta' implimentazzjoni

- *Appoġġ għat-thejjja ta' aġġornamenti għal-lista ta' kontroll tal-UE*

Id-DUCG ġie kkonsultat u appoġġa t-thejjja ta' Regolament Delegat tal-Kummissjoni li jaġġorna l-Lista ta' Kontroll tal-UE fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009. L-esperti nazzjonali, kif ukoll osservaturi mill-Parlament Ewropew, attendew sessjoni speċjali tad-DUCG fit-23 ta' Mejju 2017 u taw preżentazzjonijiet, li ssottolinjaw l-iktar tibdil importanti fil-lista ta' kontroll. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/2268 ġie adottat fis-26 ta' Settembru 2017 u ġie ppubblikat fil-15 ta' Diċembru 2017⁸.

- *Skambju ta' informazzjoni teknika dwar kwistjonijiet speċifiċi ta' implimentazzjoni*

Id-DUCG organizza skambji tekniċi ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' kontroll speċifiċi bħall-*applikazzjoni ta' kontrolli skont l-Artikolu 22.10* tar-Regolament (KE) Nru 428/2009, sabiex jiġu identifikati l-isfidi għall-implimentazzjoni u biex tinġabar informazzjoni dwar l-esperjenza u l-prassi nazzjonali u fuq l-għarfien dwar l-industrija.

Id-DUCG organizza wkoll skambju ta' informazzjoni teknika dwar l-*allinjamenti possibbli bejn it-test ta' kontrolli tal-UE ta' oġġetti b'użu doppju u t-testi ta' kontroll fir-reġimi multilaterali* (dwar in-Nota Ġenerali dwar in-Nukleari u n-Nota dwar is-Softwer għan-Nukleari).

⁸ ĠU L 334, 15.12.2017, p. 1.

3.3. Gwida tal-UE dwar il-Kontrolli tal-Esportazzjoni ta' Oġġetti b'Użu Doppju

Fid-dawl tar-riżultati tal-Istħarriġ tal-2016 dwar il-konverġenza AEO-ICP, id-DUCG iddeċieda li jwaqqaf il-Grupp ta' Esperti Tekniċi (GET) biex jiżviluppa linji gwida għall-konformità tal-industrija (GET dwar "Programmi ta' Konformità Interni"). Il-GET organizza erba' laqgħat u waqt ħidmietu kkonsulta r-rappreżentanti tal-industrija. Il-progress ta' dan il-Grupp ta' Esperti Tekniċi ġie ppreżentat lid-DUCG fid-9 ta' Novembru 2017 u lill-partijiet ikkonċernati fl-okkażjoni tal-Forum ta' Kontroll tal-Esportazzjoni fid-19 ta' Diċembru 2017.

3.4. L-iskambju elettroniku tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti

Id-DUCG kompla jappoġġa l-iżvilupp ulterjuri tas-Sistema Elettronika dwar l-Użu Doppju (Dual-Use e-System, DUEs), sistema elettronika sikura u kriptata, iħhowstjata mill-Kummissjoni, biex tappoġġa skambju msaħħaħ tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' kontroll tal-esportazzjoni u l-Kummissjoni. Matul l-2017, id-DUCG qabel dwar titjib speċifiku fid-DUEs u żviluppa funzjonalitajiet ġodda li jippermettu l-amministrazzjoni online tal-aċċess u l-kuntatti fl-amministrazzjonijiet nazzjonali, u jappoġġa l-"konsultazzjonijiet tal-Artikolu 11", pereż. meta l-oġġetti jkunu jinsabu fi Stat Membru differenti minn dak fejn tkun saret l-applikazzjoni. Saru aġġornamenti oħra pereż. fir-referenzi legali għar-rappurtar ta' ċaħdiet skont is-sanzjonijiet kontra l-Iran u biex jirriflett u l-aġġornament tal-2016 tal-lista ta' kontroll tal-UE skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2268.

Id-DUCG kompla wkoll id-diskussjonijiet dwar l-iżvilupp ta' pjattaforma ta' liċenzjar elettroniku", u waqqaf Grupp ta' Esperti Tekniċi biex jappoġġa l-istudju ta' fattibbiltà dwar il-liċenzjar elettroniku imwettaq mill-Kummissjoni matul l-2017. L-istudju ta' fattibbiltà għall-iżvilupp ta' "pjattaforma ta' liċenzjar elettroniku" biex tintuża mill-awtoritajiet kompetenti fuq bażi volontarja ġie ppreżentat lill-partijiet ikkonċernati fl-okkażjoni tal-Forum dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni fid-19 ta' Diċembru 2017.

3.5. Grupp ta' Esperti tal-UE dwar l-Użu Doppju

Fl-2017, il-Grupp ta' Esperti tal-UE dwar l-Użu Doppju opera miċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka (Joint Research Centre, JRC) tal-Kummissjoni u esperti pprovduti minn xi Stati Membri komplew jappoġġaw lill-awtoritajiet kompetenti li talbu parir biex jappoġġaw il-valutazzjoni ta' każijiet speċifiċi ta' liċenzjar. B'kollox, ingħataw disa' (9) pariri tekniċi dwar il-klassifikazzjoni tal-komoditajiet lil sitt (6)awtoritajiet kompetenti matul il-perjodu ta' rappurtar.

3.6. Infurzar tal-kontroll tal-esportazzjoni

Id-DUCG skambja informazzjoni dwar ċerti tentattivi speċifiċi biex jiġu evitati l-kontrolli. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni ħarġet verżjoni ġdida tat-"tabella ta' korrelazzjoni"⁹ li tgħaqqad il-kodiċi doganali mal-klassifikazzjonijiet ta' użu doppju u kompliet l-inklużjoni tal-parametri ta' kontroll tal-esportazzjoni fil-bażi ta' *data* online tat-tariffi doganali tal-UE (TARIC).

3.7. Bini tal-kapaċità

⁹ http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2017/march/tradoc_155445.xlsx

Fl-2017, il-JRC tal-Kummissjoni kompli s-sensjela ta' seminars tekniċi b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Enerġija tal-Istati Uniti, u organizza l-għaxar seminar bejn it-23 u l-24 ta' Mejju 2017 fil-kwartieri ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali fi Brussell, il-Belġju. Għall-attività attendew uffiċjali tal-liċenzjar u esperti tekniċi minn awtoritajiet kompetenti, kif ukoll esportaturi, akkademiċi u organizzazzjonijiet ta' riċerka. Fost it-temi li ġew esplorati kien hemm l-isfidi marbutin mal-implimentazzjoni ta' kontrolli onnikomprensivi u l-isfidi relatati mar-rabta bejn il-kodiċijiet doganali u l-listi ta' kontroll tal-esportazzjoni.

Abbażi ta' dokument kunċettwali mħejji miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni (Joint Research Centre, JRC), id-DUCG esplora pjanijiet għall-iżvilupp ta' kurrikulu ta' taħriġ "Inreach" tal-UE għal uffiċjali tad-dwana u tal-liċenzjar u beda t-tħejjijiet għall-ewwel seminar li ppjanat li jsir fl-2018.

3.8. Trasparenza u djalogu mal-industrija u mal-akkademiċi

Id-DUCG appoġġa l-organizzazzjoni ta' "Forum ta' Kontroll tal-Esportazzjoni" fid-19 ta' Diċembru 2017 fi Brussell ma' assoċjazzjonijiet tal-industrija, kumpaniji ta' oġġetti b'użu doppju u organizzazzjonijiet ta' akkademiċi u tas-soċjetà ċivili biex jiddiskutu l-implimentazzjoni ta' kontrolli tal-esportazzjoni tal-UE u l-proċess leġiżlattiv għal modernizzazzjoni tal-kontrolli tal-esportazzjoni tal-UE¹⁰. Fl-2017, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti organizzaw jew ħadu sehem f'aktar minn 160 attività ta' sensibilizzazzjoni.

Id-DUCG ħejja wkoll dokumentazzjoni biex tappoġġa l-implimentazzjoni tar-regolamenti mill-esportaturi. B'mod partikolari, in-"Nota Komprensiva dwar il-Bidliet" tiġbor fil-qosor, għal finijiet informativi, il-bidliet tat-test ta' kontroll fil-lista ta' kontrolli tal-UE introdotta mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2017/2268.

4. KONTROLLI TAL-ESPORTAZZJONI TAL-UE - DATA EWLENIJA

Huwa diffiċli li tinkiseb informazzjoni affidabbli dwar l-esportazzjoni kumplessiva ta' oġġetti b'użu doppju, (inklużi oġġetti b'użu doppju li mhumx elenkati) minħabba li ma jeżistix settur ekonomiku definit b'mod li jikkorrespondi għal dan. Madankollu l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiġbru *data* li tippermetti għal stimi approssimattivi tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju bbażata, minn naħa, fuq *data* ta' liċenzjar speċifika miġbura minn awtoritajiet kompetenti u, min-naħa l-oħra, fuq statistiki għal komoditajiet doganali li jinkludu oġġetti b'użu doppju. L-istimi tad-*data* tal-esportazzjoni tal-2016 huma ppreżentati hawn taħt. Għandu jiġi nnutat li stimi ppreżentati aktar 'il quddiem ma jkoprux servizzi u trasferimenti teknoloġiċi intanġibbli assoċjati mal-kummerċ f'oġġetti b'użu doppju.

4.1. Kummerċ tal-UE tal-oġġetti b'użu doppju: oġġetti u destinazzjonijiet

Fl-2017, ir-Regolament primarjament applika għall-esportazzjoni ta' madwar 1 841 "oġġett" b'użu doppju elenkati fl-Anness I ("il-Lista ta' Kontroll tal-UE") u kklassifikati f'10 kategoriji (Figura 1). Dawn l-oġġetti b'użu doppju huma relatati ma' madwar 1 000 komodità doganali, inklużi sustanzi kimiċi, metalli u prodotti minerali mhux metalliċi, kompjuters, prodotti elettroniċi u ottiċi, tagħmir elettriku, makkinarju, vetturi u tagħmir tat-trasport eċċ., u

¹⁰ http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2017/december/tradoc_156503.pdf

tipikament jaqgħu fil-parti tat-teknoloġija avvanzata f'dan il-qasam kbir ta' komoditajiet imħallta.




Figura 1: L-għadd ta' oġġetti b'użu doppju elenkati fil-Kategoriji tal-Anness I wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2268, imqabbel mar-Regolament (UE) Nru 2016/1969.

Stimi statistiċi dwar l-importanza relattiva tal-kummerċ ta' oġġetti b'użu doppju jindikaw li l-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju jirrappreżentaw madwar 2,6 % tal-esportazzjonijiet totali tal-UE (kemm fl-UE kif ukoll barra minnha), f'“qasam tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju” wiesa¹¹ ta' komoditajiet doganali (Figura 2).




Figura 2: Stimi statistiċi ta' esportazzjoni b'użu doppju fl-UE jew barra minnha.

¹¹ Il-metodoloġija statistika żviluppata miċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni tuża tabella ta' korrelazzjoni, żviluppata mid-DĠ TAXUD, bejn in-numri ta' klassifikazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju u l-kodiċijiet doganali u d-data COMEXT tal-Eurostat, kif ukoll id-data ta' liċenzjar. L-idea ta' qasam tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju tirreferi għal qasam kbir u mħallat ta' komoditajiet li jinkludi oġġetti b'użu doppju. Il-kummerċ ta' oġġetti b'użu doppju jseħħ fi ħda dan il-qasam ta' komoditajiet, iżda mhuwiex identiku għalih, peress li mhux il-komoditajiet kollha fid-dominju tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju tassew għandhom użu doppju.

Stimi statistiċi juru wkoll id-destinazzjonijiet ewlenin ta' esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju u jindikaw li l-parti l-kbira ta' dawn l-esportazzjonijiet imorru f'“pajjiżi tal-EU001” b'benefiċċju mill-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-Unjoni. Il-pajjiżi destinatari jirriflettu l-istruttura tas-suq tal-esportazzjoni tal-UE fil-komoditajiet rilevanti kif ukoll il-faċilitazzjoni tal-kummerċ skont l-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-Unjoni. (Figuri 2, 3 u 4)¹².




Figura 3: Stimi ta' esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju tal-UE: l-ewwel 25 pajjiż destinatari ta' esportazzjoni u s-sottoreġjuni tagħhom fl-2016.

¹² “Ħażniet u provvisti extra” huma definiti bħala l-kunsinna ta' ħażniet tal-bastimenti u tal-inġenji tal-ajru. “Mixxellanji –pajjiżi mhux speċifikati extra” tinkludi pajjiżi u territorji mhux speċifikati fil-qafas tal-kummerċ ma' pajjiżi terzi (jiġifieri dawn il-kodiċijiet is-soltu jintużaw għal oġġetti kkunsinjati għal installazzjonijiet offshore).




Figura 4: Stim ta' esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju tal-UE: Pażiżi destinatari skont ir-reġjuni u s-sottoreġjuni dinjija, 2016.

4.2. Kontroll tal-kummerċ tal-UE tal-oġġetti b'użu doppju: Applikazzjonijiet, liċenzji, ċaħdiet

Id-DUCG skambja *data* u informazzjoni dwar il-liċenzjar, sabiex jittiejeb il-fehim ta' kontrolli fuq l-esportazzjoni u l-effett ekonomiku tagħhom. Xi *data* miġbura għall-perjodu ta' rapportar hija rappurtata hawn taħt; madankollu, ta' min jinnota li mhux l-Istati Membri kollha jiġbru d-*data* kollha. L-informazzjoni pprovduta hawn isfel għalhekk tirrappreżenta stimi approssimattivi ta' kwantitajiet aggregati u l-valuri fil-limiti tad-*data* pprovduta mill-Istati Membri.




Figura 5: Volum (għadd) ta' awtorizzazzjonijiet u ċaħdiet fl-2010-2016¹³.

¹³ Fil-Figuri 5 u 6, id-*data* ta' "Applikazzjonijiet" tinkludi kull applikazzjoni għal liċenzji, inklużi notifiki skont awtorizzazzjonijiet ġenerali, u b'hekk tagħti indikazzjoni ta' "esportazzjonijiet ikkontrollati", jiġifieri l-valur ta' esportazzjonijiet barra l-UE soġġetti għal proċess ta' awtorizzazzjoni. F'każijiet fejn ma tkun disponibbli l-ebda




Figura 6: Valur (miljuni ta' EUR) ta' awtorizzazzjonijiet u ċaħdiet fl-2010-2016.



Figura 7: Volum (għadd) ta' awtorizzazzjonijiet għal kull kategorija fl-2016.

data tal-applikazzjoni, il-grafiki jużaw data tal-awtorizzazzjoni bħala stima għad-data tal-applikazzjoni. Data tal-"awtorizzazzjonijiet" tirreferi għal esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju awtorizzati skont liċenzji individwali u globali. Ta' min jinnota li l-applikazzjonijiet ma jikkorrispondux neċessarjament mas-somma tal-awtorizzazzjonijiet u ċ-ċaħdiet, minħabba li għadd ta' applikazzjonijiet jistgħu jiġu kkanċellati u xi applikazzjonijiet jistgħu ma jiġux iffinalizzati fl-istess sena. "Ċaħdiet" tirreferi għall-volum u l-valur ta' esportazzjonijiet miċħuda.

Valur tal-esportazzjonijiet awtorizzati skont it-Tip ta' Liċenzja fl-2016



Figura 8: Valur (miljuni ta' EUR) ta' awtorizzazzjonijiet skont it-tip fl-2016.

Il-valur totali¹⁴ ta' applikazzjonijiet laħaq EUR 45,7 biljun u l-esportazzjonijiet ikkontrollati ta' oġġetti b'użu doppju b'hekk kienu jirrappreżentaw 2,6 % tal-esportazzjonijiet barra mill-UE totali. Il-kummerċ awtorizzat ta' oġġetti b'użu doppju ammonta għal EUR 33,1 biljun, biex b'hekk jirrappreżenta 1,9 % tal-esportazzjonijiet barra mill-UE totali, b'maġġoranza tat-tranżazzjonijiet awtorizzati b'liċenzji individwali (madwar 25 000 liċenzja individwali maħruġa fl-2016) u liċenzji globali (skont il-valur tagħhom). Porzjon żgħir biss tal-esportazzjonijiet ġie fil-fatt miċħud: madwar 690 ċaħda nħarġu fl-2016, li jirrappreżentaw madwar 1,1 % tal-valur tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju f'dik is-sena, u 0,03 % tal-esportazzjonijiet barra mill-UE totali.

¹⁴ Din iċ-ċifra tinkludi l-valur tan-notifiki u l-applikazzjonijiet tal-liċenzji skont l-Awtorizzazzjonijiet Ġenerali tal-Esportazzjoni.